**FIL-BORD TA' L-ARBITRAGG DWAR ARTIJIET**

**Magistrat Dr Joseph Apap Bologna BA. LL.D.**

**Illum, 18 ta' Frar, 2000**

**Rikors Nru: 3/96**

**Kummissarju tal-Art**

**vs**

**Joseph Attard**

Il-Bord,

Ra r-rikors in ezami li permezz tieghu ir-rikorrenti wara li ippremetta illi b'ittra ufficjali tal-10 ta' Jannar, 1994 l-intimat gie notifikat b'kopja ta' Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta, fejn fost affarijiet ohra gie dikjarat li l-fond Nru 78A Triq Bwieraq, Birkirkara huwa mehtieg ghall-Skopijiet Pubblici u li l-akkwist tieghu ghandu jkun b'xiri assolut.

Illi l-intimat gie wkoll notifikat b'Avviz ghall-Ftehim fejn gie nfurmat li l-kumpens li l-awtorita' kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala franka u libera tal-fond fuq imsemmi huwa ta' sitt elef, mija u seba u tmenin Liri Maltin (Lm6,187.00,0) kif jidher mir-rapport tal-Perit O. Caruana Montaldo A&CE. tas-27 ta' April 1993 li estratt tieghu huwa anness mal-istess Avviz ghall-Ftehim.

Illi b'ittra ufficjali tas-27 ta' Jannar 1994 l-intimat fost affarijiet ohra jiddikjara li ma jaccettawx il-kumpens offert u jitlob li dan il-kumpens ghandu jkun ta' sittax il-elf sitt mija u tmienja u ghoxrin Liri Maltin (Lm16,628.00,0).

Talab lil dan il-Bord sabiex joghgbu jordna lill-intimat biex jittrasferixxu favur ir-rikorrent b'titolu ta' xiri assolut bhala franka u libera il-fond fuq imsemmi, jiffissa kumpens relattiv, jinnomina lin-Nutar V. Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment tal-Art jew lin-Nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-

att relattiv f'dik il-gurnata, hin u lok li dan il-Bord joghgbu jistabbilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-provvedimenti l-ohra kollha mehtiega skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghall-Skopijiet Pubblici (Kap. 88).

Ra ir-risposta tal-intimat a fol 15 tal-process li permezz taghha l-istess intimat espona bir-rispett illi l-kumpens offert mir-rikorrenti ghal fond numru 78A Bwieraq Street, B'Kara in kwistjoni mhux gust u huwa baxx kif gia gie espost lir-rikorrenti permezz ta' ittra ufficjali responsiva tal-esponenti datata 27 ta' Jannar 1994 u se mai kull kumpens dovut ghandu jithallas flimkien mal-imghaxijiet legali skond il-ligi.

Salv kull risposta ulterjuri.

Ra l-atti kollha.

Sema' lix-xhud prodott mill-intimat u dak prodott mir-rikorrenti (a fol 18 u 25 tal-process).

Ra id-digriet a fol 22 tal-process u moghti fit-22 ta' Jannar 1997 li permezz tieghu gew nominati il-periti Joseph Mizzi u Frederick Valentino bhala membri teknici tal-Bord.

Ra ir-relazzjoni relattiva li iggib id-data tat-12 ta' Frar, 1999.

Semghet il-partijiet.

<u>Ikkunsidra</u>:

Illi kif jidher mill-atti u mill-provi prodotti il-kontenzjoni f'dan il-kaz hu limitat ghall-<u>ammont li ghandu jinghata lill-intimat bhala kumpens</u> ghall-esproprjazzjoni tal-proprjeta' involuta f'dan il-kaz u appartenenti lill-intimat (ara il-pjanta a fol 8 tal-process).

Illi in rigward kumpens, il-partijiet issottomettew l-istimi rispettivi taghhom skond kif jidher a fol 7 u 11 tal-process).

Illi fil-fatt il-membri teknici tal-Bord stmaw l-istess proprjeta' fis-somma ta' Lm12,850 bhala libera u franka minn kull piz u dan ghar-ragunijiet sottomessi fir-relazzjoni taghhom annessa mal-atti.

Ghaldaqstant il-Bord;

a) jordna lill-intimat sabiex jittrasferixxi favur ir-rikorrent b'titolu ta' xiri assolut bhala libera u franka il-fond 78A, Triq Bwieraq f'Birkirkara skond kif muri fl-annessa pjanta a fol 8 tal-process.

b) jiffissa il-kumpens relattiv fis-somma ta' Lm12,850.

c) jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment tal-Artijiet jew lin-Nutar li jkun jaghmel minfloku sabiex jippubblika l-att relattiv u dan fid-29 ta' Marzu, 2000.

d) jinnomina bhala kuratur ghall-kontumaci lil Dr Reuben Balzan.

In rigward l-ispejjez dawn jibqghu bla taxxa.

Alan Calleja
Dep.Reg. Magistrat